**Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)**

**Bħala Qorti ta' Ġudikatur Kriminali**

**Maġistrat Dr. Kevan Azzopardi B.A. LL.D**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Dejan Zivkovic**

**Illum, 16 ta' Ottubru 2024**

**Il-Qorti,**

Rat li il-Pulizija ressqet quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali lill-Dejan Zivkovic, imwieled nhar is-seba' (7) ta' Settembru tas-sena elf disa' mija tmienja u sittin (1968), u residenti fil-fond bl-indirizz 17, Three Hills Crt, Fl 3, Triq Nazju Falzon, Msida, u detentur tal-karta tal-idntita bin-numru 261400A fejn ġie akkużat:

*"... talli nhar 04.05.2024 ghall-habta ta' bejn 13:30hrs u 14:00hrs gewwa hanut tal-merca bl-isem ta' 'Chef's Choice', Triq ix-Xatt, Sliema:*

*l. Ikkommettejt serq semplici ghad-dannu ta' Chef's Choice u/jew persuni ohra u/jew entitatjiet ohra. Art.284 Kap.9*

..."

Rat li wara li l-uffiċjal prosekutur qara u ikkonferma bil-ġurament l-akkużi, l-imputat wieġeb ħati.

Rat li stante l-ammissjoni tal-akkużat, il-Qorti tatu ċans jirrikonsidra l-ammissjoni u għal dan il-għan tagħtu l-opportunita jikkonsulta mal-avukat tiegħu u meta reġgħet saqsietu huwa ikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet orali tal-partijiet dwar il-piena.

Rat l-atti proċesswali.

**Ikkunsidrat**

Li stante l-ammissjoni tal-istess akkużat, il-Qorti m'għandiex triq oħra ħlief li ssibu ħati tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u tgħaddi għas-sentenza.

Il-Qorti fil-kunsiderazzjonijiet tagħha dwar il-piena ħadet konjizzjoni taċ-ċirkostanzi mqajjma mid-difiża dwar in-natura tar-reat u l-qagħda tal-imputat, ossia li s-serq kien ta' ikel. Hija ulterjorment ikkunsidrat l-ammissjoni nkondizzjonata tal-ħati fl-istadju inizjali tal-proċeduri fil-konfront tiegħu, il-koperazzjoni tiegħu mal-prosekuzzjoni, il-ħlas tal-prezz tal-oġġetti misruqa qabel il-proċeduri, u l-fatt li hu jiddispjaċih tal-aġir tiegħu.

**Konklużjoni**

Fuq ammissjoni tal-istess akkużat, wara li rat l-artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, l-Qorti tiddikjara li qed issib lill-Dejan Zivkovic, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 261400A ħati tal-akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu, u tikkundannah għal piena ta' tlett xhur priġunerija iżda, bis-saħħa tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tordna li s-sentenza m' għandhiex tibda sseħħ ħlief jekk, matul il-perijodu ta' sentejn (2) mid-data ta' din is-sentenza, il-ħati jikkommetti reat ieħor li għalih hemm piena ta' priġunerija.

Il-Qorti spjegat fi kliem sempliċi ir-responsabbiltà tiegħu taħt l-artikoli 28A tal-istess Kapitolu 9.

**Maġistrat**
**Dr. Kevan Azzopardi B.A., LL.D.**

**Josanne Gauci**
**Deputat Reġistratur**

**< Sentenza Finali >**

**-------------------------------TMIEM-------------------------------**